MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 98/2003

**Daniel Xerri**

**vs**

**Karl Sammut**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi fit-tletin (30) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003) waqt li l-attur kien qed isuq vettura bin-numru ta’ registrazjoni FBE-079 fi Triq Skapuccina, Zebbug, Ghawdex, kien involut f’incident stradali ma’ vettura bin-numru ta’ registrazzjoni AAE-071 misjuq mill-konvenut.

Illi dan l-incident sehh minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan da parti tal-konvenut.

Illi d-danni sofferti mill-attur jammontaw ghal hames mija u tlettax il-lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm513.51) rapprezentanti hlas ghal tiswijiet komprizi parts, xoghol u spray u kiri ta' vettura.

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi, l-konvenut naqas li jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur konsegwenza ta' tali incident.

Illi l-attur qed jitlob li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas dan il-bilanc flimkien ma' l-ispejjes ta' dawn il-proceduri, tal-ittra ufficjali spedita f'Awissu 2003, tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz u tal-ittri interpellatorji datati 9 ta' Gunju 2003, 30 ta' Gunju 2003 u 14 ta' Lulju 2003."

Ra r-risposta:

"Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, Karl Sammut.

Jeccepixxi bir-rispett.

(i) Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante li ghall-istess incident jahti unikament l-istess attur kif jigi ppruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-kawza.

(ii) Illi l-ammont ta' danni mitluba huwa esagerat.

(iii) Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt."

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Mhux ikkontestat li l-konvenut hareg minn triq laterali u sekondarja fejn kien hemm stop-sign ghal got-triq ewlenija li minnha kien ghaddej l-attur. L-attur jghid li qabel il-habta gibed lejn nofs Triq Skapuccina billi fuq in-naha tax-

xellug hekk kif wiehed jissorpassa t-triq imnejn hareg il-konvenut kien hemm karozza pparkjata – haga michuda mill-konvenut u li la tidher fl-iskizz u l-anqas ma l-attur gibed l-attenzjoni taghha lis-surgent x'hin ghamel l-istqarrija tieghu mal-pulizija *a tempo vergine*.

Jirrizulta wkoll li faccata tat-triq laterali kien hemm mera li pero' kienet imkissra ghal kollox, u li fuq in-naha tax-xellug tat-triq imnejn hareg il-konvenut kien hemm *splay* li l-konvenut cahad li kienet hemm.  It-Tribunal acceda wahdu fuq il-post u tabilhaqq hemm splay li fiha bieb principali ta'  dar.

L-attur ukoll jghid li l-konvenut baqa' hiereg mit-triq laterali.  Il-konvenut jaqbel ma' din il-verzjoni.  Difatti huwa qal lit-Tribunal li x'hin hareg mit-triq sekondarja huwa daqq il-horn u <u>naqqas l-ispeed</u> ("isslowjajt a fol 31) u cioe' <u>ma waqafx</u> qabel hareg fit-triq principali, u x'hin kien hareg bicca sewwa lemah lill-parti l-ohra <u>gejja b'certu speed</u> u sehhet il-habta.  Huwa hares lejn il-mera izda din  kienet imkissra u konsegwentement "ma rajt xejn".

F'din il-kawza, jidhol il-punt importanti tad-drittijiet u obbligi rispettivi tal-main road user u tas-side road user, li ta' spiss jifforma argument fil-kitba tal-awturi tal-ligi  u l-gurisprudenza;

L-awturi (Gibb, Mahaffy & Dodson, u Charlesworth) jiccitaw decizjonijiet tal-Qrati Skoccizi (Court of Session) li huma l-*loci classici* in materja.  Ir-riassunt ta' dawn id-decizjonijiet jista' jsir fil-principji segwenti:

*1. A driver approaching a main road from a side road must have his vehicle under such control as to be prepared for any traffic encountered there (Mc Andrew v Tillard). When coming from a side road into a main road, the driver of a vehicle should select such a moment as will allow him to enter the main road with safety (Charlesworth).*

*2. It is the duty of side road traffic to give way to traffic proceeding along the main road (Robertson v Wilson).*

*3. Caution from the main road user is also called for at these junctions. Ara wkoll Charlesworth li jghid "But whilst there is this duty on vehicles coming from the side road, it is also the duty of vehicles on the main road approaching a side road to do so with caution".*

*4. The duty of a driver whose course is calculated to disturb the ordinary stream of traffic on a road is of a higher order. The more risky and difficult the manoeuvre is, the greater the duty incumbent on the driver. In the sense, therefore, that turning out of a side-road into a main road is more difficult than continuing a main road, the side-road's driver's responsibility is higher (M'Nair v Glasgow Corporation; u Hutchinson v Leslie).*

*5. The actual precautions called for in any particular situation are a practical question, and depend on the facts of the particular situation (M'Nair v Glasgow Corporation).*

Dawn il-principji huma riflessi fil-ligi Maltija. Skond Regolament numru 76 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 tal-1994):

Triq principali hi dik li t-traffiku kollu li jkun ghaddej minnha jkollu d-dritt tal-moghdija u t-traffiku u t-toroq kollha li jaghtu ghaliha ghandhom jaghmlu l-wisa' lil dak tat-triq imsemmija hawn fuq, izda, b' danakollu, id-driver ta' kull vettura bil-mutur sew fi triq principali jew sekondarja ghandu joqghod attent il-hin kollu u ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega f'kull kantuniera.

Skond paragrafu 213 tal-Kodici Ghat-Traffiku fit-Triq, 2001:

F'salib it-toroq jew ghaqda ta' triq principali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja ghandu jaghti d-dritta lit-traffiku li jkun ghaddej fi, jew li jkun hiereg mit-triq principali.

F'Il-pulizija v Anthony Galea (Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 Vol XXXVII.iv.1137) l-Imhallef William Harding hekk ikkonkluda wara studju *funditus* dwar l-obbligi rispettivi tal-main u side road users:

*Ghalhekk, fis-sistema Malti, is-side road user ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fil-main road, ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha, ghandu l-obbligu li jimxi dead slow u sahansitra jwaqqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. U l-main road user ukoll ghandu joqghod attent fil-cross roads; imma il-grad ta' diligenza li tinkombi lilu hu ferm inqas, ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi fuq triq dritta.*

Il-verzjoni tal-konvenut li nduna bl-attur x'hin kien hareg bicca sewwa fi Triq Skapuccina mhix kompatibbli mad-dinamika tal-incident. Il-brake-marks tal-konvenut jibdew sewwa sew mill-gemb tat-triq fejn hemm li splay. Li splay, skond kif anke kkonstata fuq il-post it-Tribunal, kienet tikkonsentixxi lill-konvenut vizwali fit-tul ta' Triq Skapuccina imnejn kien gej l-attur. U fil-fatt il-konvenut lemah lill-attur gej meta l-konvenut kien hareg biss parti zghira mill-vettura tieghu fi Triq Skapuccina – tul bejn ir-roti ta' quddiem u l-bumper ta' quddiem tieghu - u dan kif jirrizulta mill-brake-marks indikat fl-iskizz.

Min-naha tieghu, l-attur ghad li kien prudenti ghal dik li hija velocita', jahti ukoll ghall-incident ghax naqas milli jiehu in kunsiderazzjoni l-possibilita' mhux daqstant remota li jsib karozza tisporgi mit-triq sekondarja meta huwa kiser lejn il-lemin tat-triq, anke jekk kien kostrett jaghmel dan minhabba, kif qal hu, li kien hemm xi vettura pparkjat fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Huwa messu naqqas iktar li speed u paqpaq il-horn biex jaghti preavviz adegwat tal-prezenza tieghu, specjalment tenut kont li, ghad li huwa kien l-utent ta' triq principali, din it-triq hija wahda antika fil-qalba tar-rahal, u f'dik il-parti kien f'salib it-toroq, u di piu' salib f'forma ferm irregolari u ghalhekk ferm iktar perikoluz mis-soltu. Dan kollu li qed jinghad irid jigi kkunsidrat dejjem fid-dawl tal-principju li r-responsabilita' tieghu kienet fi grad ferm inqas minn dik tal-utent tat-triq laterali u sekondarja u ghalhekk fic-cirkostanzi r-responsabilita' ghall-incident ghandha tigi mqassma 4/5 lill-konvenut u 1/5 lill-attur.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fl-avviz tat-talba; isib lill-konvenut responsabbli in parti ghall-incident awtomobilistiku msemmi fl-avviz tat-talba, izda stante r-responsabilita' kontributorja tieghu jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM412 bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-09.06.2003, 30.06.2003 u 14.07.2003 kif ukoll tal-ittra ufficcjali t'Awwissu 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------